**KUNSILL LOKALI KALKARA**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA KKR 1330
TEL: 21665500
email: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 12-14

**Data:** 20 ta' Novembru 2014

**Hin:** 5:30pm

**Post:** Uffiċċju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Paul Bongailas – Kunsillier
Vincent Bongailas - Kunsillier
Dorianne Micallef - Ambaxxatriċi

# MINUTI

**TALBA**

Is-Sindku Speranza Chircop qalet it-talba.

1. **QARI TAL-MINUTI**

   Il-Minuti ġew reveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f'Ottubru 2014.

2. Il-Minuti ġew moqrija u approvati fuq proposta tas-Sindku is-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsillier is-Sur Paul Bongailas

3. **Korrispondenza;**

3.1 Is-Sindku Speranza Chircop infurmat lill Kunsill dwar email li rċeviet mid-Dipartiment tas-Saħħa fejn dawn ta' l-aħħar spjegaw servizzi ġodda li ser ikunu qegħdin joffru fis–sena 2015. Is-Sindku spjegat ukoll illi ser tkun qed tiltaqgħa ma dawn in-nies biex b'hekk ikunu jistgħu jitkellmu formalment dwar servizz ta' Counselling li ser inkunu qegħdin noffru bħala Kunsill Lokali ġewwa il-Berġa tal-Kalkara fis sena 2015

3.2 Is-Sindku Speranza Chircop spjegat illi wara laqgħa li kellha mar-Reġjun Xlokk, kellha l-informazzjoni dwar it-tender tad-dawl li ser ikun qiegħed joħroġ minn naħa ta' l-istess Reġjun, biex b'hekk aħna bħala Kunsill inkunu nistgħu nissiebħu magħhom kif kien diġa ġie diskuss f minuti preċedenti aktar kmieni din is-sena stess.

3.3 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar email li rċevejna bħala Kunsill mingħand l-Ombudsman rigward is-sinjali li għamel il-Kunsill fi Triq Santa Liberata għas–spejjez ta' l-istess Kunsill. L-Ombudsman qed jitlob spjegazzjoni lit-Transport Malta kif is-sinjali ma sarux 30 km / per hour u minnflok saru ta' 40 km / per hour fuq l-approvazzjoni tagħhom.

Il-Kunsill kollu qabel illi t-tabelli / sinjali li saru huma tajbin u bl-approvazzjoni ta' Transport Malta fuq 40 km / per hour, għalhekk jekk għal xi raġuni jew oħra dawn ser jiġu mibdulin, għandhom jiġu mibdulin minn naħa ta' Transport Malta u mhux minn naħa tal-Kunsill.

3.4 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar email li rċeviet mingħand l-Ambaxxatriċi tal-Kunsiill Lokali Kalkara, Ms.Dorianne Calleja fejn din tal-aħħar b'dispjaċir għarrfet lill-Kunsill li ser tkun qed tirreżenja għas-sena 2015 minħabba raġunijiet personali.

Il-Kunsill kollu qabel illi għandha terġa tinħareġ sejħa għal ambaxxatur / ambaxxatriċi ġdida fuq il-fuljett li ser ikun qed jintbgħat fil-ġranet li ġejjin kif ukoll dan l-istess avviż jiġi 'mtella fuq il-paġna tal-Facebook uffiċjali tal-Kunsill.

3.5 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar email li 'rċeviet minn Transport Malta fejn qed jispjegaw li ser tiġi 'mplementata zebra cross ġdida fi Triq Rinella (fejn ir-roundabout).

Il-Kunsill talab lis-Segretarja twieġeb formalment din l-email biex tispjega illi fejn hi ġejja din l-istess zebra cross kif inhi impinġijha fuq il-pjanta li bgħatu l-entita' stess ser tkun ta' periklu għar-residenti li ser ikunu qegħdin jaqsmu minn fuqha minħabba il-fatt illi fejn hi ppjanata il-karozzi jgħaddu bi speed eċċessiv speċjalment dawk li jkunu ġejjin minn Triq il-Missjoni Taljana.

3.6 Is-Sindku ippreżentat dokument li rċeviet aktar qabel dan ix-xahar rigward pjan ta' azzjoni għar-reġjun Xlokk biex il-Kunsill kollu ikun infurmat x'ser ikun qiegħed jiġi irranġat / restawrat fil-Kalkara fi żmien li ġej minn naħa tal-Gvern Ċentrali. Dan id-dokument ġie ippreżentat lill-Kunsilliera kollha permezz ta' email għall-informazzjoni tagħhom ukoll.

3.7 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar rapport li rċeviet rigward il-Bandli tal-Kalkara. Rapport dettaljat b'ritratti ċari li intbgħat minn naħa tal-MCCAA ,x'għandu jinbidel fi żmien li ġej biex b'hekk ma jkun hemm l-ebda tip ta' periklu għat-tfal li jkunu qegħdin jilgħabu fl-istess bandli. Is-Sindku reġet saħqet illi l-bandli ser ikun qed jiġi msewwi b'fondi tal-ERDF li ser inkunu qed napplikaw għalijhom aktar tard fis-sena 2015 / 2016.

3.8 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar email li rċeviet mingħand Id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fejn fethu l-applikazzjonijiet għal-Inizjattivi Speċjali.

Il-Kunsilliera Maria Sultana saħqet illi nistgħu napplikaw għal din l-iskema għall-attivita' tal-Karnival li ser tkun qed tigi imtellgħa minn naħa tagħha, fi Frar 2014 mil-Kunsill Lokali għat-tfal kollha tal-Kalkara.

Is-Sindku Speranza Chircop ukoll uriet ix-xewqa li tapplika kif ukoll spjegat illi ser tkun qegħda taħdem biex nagħmlu attivita' Kulturali mill-Kunsill. Attivita' li għandha x'taqsam mal-lokalita tant sabiħa tal–Kalkara.

3.9 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar laqgħa li kellha mal-kumpanija Infusion fejn dawn tal-aħħar taw preżentazzjoni fuq servizz illi qegħdin joffru lill-Kunsilli Lokali jistgħu jagħmlu użu minnu.

Il-Kunsill kollu qabel illi dan huwa servizz huwa tajjeb ħafna u jistgħa jkun ta' għajnuna għal ħafna Kunsilli, pero' minn naħa tal-Kunsill Lokali Kalkara peress li huwa Kunsill żgħir m'għandux għalfejn jidħol fi spejjes oħra biex ikollu dan is-servizz.

3.10 Is-Sindku reġgħet qajjmet ilment li irċeviet mingħand persuna b'email kif ukoll dan l-istess persuna kienet preżenti ghal-laqgha pubblika li saret aktar kmieni f'Ottubru fejn ressaq ilment dwar is-slipway li hemm fi Triq ix-Xatt. Is-Sindku spjegat illi dan l-ilment intbgħat formalment lin-naħa tat–Transport Malta biex b'hekk ikunu jistgħu jinvestigaw il-każ b'mod tekniku u jaraw minn naħa tagħhom x'jista jsir.

3.11 Is-Sindku Speranza Chircop għarrfet lill Kunsill dwar email li irċeviet mingħand is – Sur Ronald Falzon, persuna li jorganizza indoor Airshows fil-komunitajiet.

Is-Sindku spjegat illi ser tkun qed torganizza laqgħa mal-persuna imsemmija hawn fuq biex tara eżżtt x'jista joffri għal komunita' tal -Kalkara

3.12 Is-Sindku infurmat lill Kunsill dwar ilment mingħand resident fi Triq San Leonardo, fejn dan l-istess resident spjega illi minħabba in–nuqqas tad-double yellow line f'din l-isetss Triq, qed ikun hemm konfuzjoni ta' parkeġġ ħażin li qed joħloq inkonvenjent.

Is-Seg.Eżek. ser tkun qed tagħmel talba formali lill Transort Malta biex jiġu approvati dawn il-linji minn naħa tagħhom u jiġu mplementati minn naħa tal-Kunsill lokali.

3.13 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar applikazzjoni mingħand il-Moviment Kerygma għal Premju Żagħżugħ tas-Sena 2014 li ser tkun qed tintbgħat lill-Kunsilliera kollha għal attenzjoni / informazzjoni tagħhom jekk ikunu jridu jinnominaw xi Żagħżugħ / a minn naħa tagħhom.

3.14 Is-Sinjura Chircop preżentat ittra li irċeviet f'isem il-Prinċep ta' Wales lill-Kunsill kollu ta' ringrazzjament minn Kensington Palace tar-rigal li ippreżentajnilu bħala Kunsill fiċ-ċelebrazzjonijiet tal Indipendenza meta kien preżenti f'Malta.

Is-Sinjura Maria Sultana issuġerit li din l-ittra tiġi miżmuma u tidendel fl-uffiċini tal-Kunsilli Lokali bħala unur li rċevejna din l-ittra iffirmata mil-Prinċep ta' Wales.

3.15 Is-Seg Eżek. Spjegat lill-Kunsill kollu illi kien fadlilha 96 siegħat ta' leave minħabba il-fatt illi hi ma ħaditx leave f'dawn ix-xhur li għaddew minħabba illi kienet għada kif ġiet maħtura u riedet tkopri ix-xogħol li kien hawn b'lura. Hija tablet formalmemt il-permess mingħand il-Kunsilliera preżenti biex iġġedded dawn is-siegħat għas-sena 2015.

Il-Kunsill kollu qabel illi is-siegħat li s-Segretarja ma' ħaditx matul is-sena 2014 għandhom jiġu amalgamati mas-siegħat tat-2015.

## 4. Komunikkazjoni tas-Sindku

4.1 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar tiżjin tal-Milied li ser ikun qed jitwaħħal fil-Pjazza Sagra Familja minn naħa tal-ELC wara talbha li kienet għamlet hi personali. It-tiżjin ser jitwaħħal fil-Pjazza Sagra Familja minhabba il-fatt illi max-Xatt ma kienx hemm supply biżejjed biex dawn jixgħelu.

It-Tiżjin tal-Milied li ser ikun qed jitwaħħal ix-Xatt ser ikun qed jinxtel mill-10 ta' Diċembru fl-okkażjoni ta' Jum il-Kalkara. Il-Kunsill Kollu qabel unanimament dwar dan.

4.2 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill b'ilment mingħand resident li joqgħod fi Triq il-Missjoni Taljana li ġie mqajjem wara li saru sinjali u bollards ġodda fl-istess Triq minn naħa ta' Transport Malta aktar kmieni fix-xahar ta' Ottubru, minħabba il-fatt illi minħabba dawn is-sinjali li saru qed ikunu ta' ostaklu biex dan ir-resident joħroġ minn ġewwa ir-residenza tiegħu.

Is-Sindku ser tkun qed tibgħat ilment formali lill Transport Malta biex jinvestigaw il-każ minn naħa tagħhom.

4.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill illi bħas snin preċedenti ser tkun qed tqassam xi rigali zgħar lill-anzjani fl-okkażjoni ta' Jum il-Kalkara lill dawk li huma rikoverati lokalment.

4.4 Is-Sindku infurmat lill Kunsill li ser tkun qed torganizza ħarġa / żjara ta' presepji għaż żminijiet tal-Milied. Ser tkun qed tgħaddi l-informazzjoni kolla fil-ġranet li ġejjin.

4.5 Is-Sindku infurmat lill Kunsill kollu li dak kollu li jkun ser isir fl-uffiċini tal-Kunsill Lokali hi għandha tkun taf minn qabel minħabba il-fatt illi sar filmiing ta' video qasir rigward il-youth project li l-applikazzjoni tiegħu giet sottomessa mill-Kunsill taż-Żgħażagħ permezz tal-Aġenzija Żgħażagħ u hi ma kienet taf b'xejn.

## 5. KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERA

### 6.1 _*Kunsilliera Is-Sinjura Maria Sultana għaddiet dawn il-punti*_

**a.** Is-Sinjura Maria Sultana infurmat lill-Kunsill kollu dwar kotba li jridu jinxtraw minn naħa ta' l-istess Kunsill biex jiġu mgħotijja f'Jum il-preżentazzjoni fl-okkażjoni ta' Jum il-Kalkara. Is-Sinjura Maria Sultana ser tkun qed tieħu ħsieb ix-xiri tal-kotba flimkien ma' l-iskola Primarja tal-Kalkara

**b.** Is-Sinjura Maria Sultana talbet lis-Seg. Eżek. biex tordna stickers biex jintużaw f'Jum il-Kalkara mit-tfal fejn dawn l-istess stickers ser ikunu qed jiġu imwaħħla fuq il-bring in sites li hemm fix-Xatt bħala promozzjoni għal aktar tindif fil-lokal..

**c.** Is-Sinjura Maria Sultana saħqet illi wara il-Kunċert fl-okkażjoni ta' Jum il-Kalkara, is-sala ser tkun qed tiġi imnaddfa minn nies impjegati minn naħa tal-iskola Primarja.

### 6.2 _*Kunsillier-Is-Sur Vince Bongailas*_

a. Is-Sur Vince Bongailas ippreżenta sketch lill-Kunsill rigward Triq il-Frejgatina biex jispjega aħjar il-periklu li hemm f'din it-triq. Talab ukoll lis-Seg.Eżek. tibgħat email formali lil Transport Malta biex jigwidawna aħjar dwar din l-istess Triq x'jista jsir biex inaqqsu l-inċidenti li qed isiru minħabba l-ispeed eċċessiv li jgħaddu il-karozzi.

b. Is-Sur Bongailas talab lis-Segretarju Eżekuttiv terġa tibgħat email formali lill Transport Malta biex b'hekk ikollna approvazzjoni ta' "loading unloading bays" in-naħa tax-Xatt tal-Kalkara minħabba ħafna ilmenti li qed ikollu mingħand is-sidien tal-ħwienet meta jiġu biex iħottu ix-xogħol.

c. Is-Sur Bongailas saħaq li hemm bżonn aktar dawl fi Triq is-Salvatur ( in–naħa tat-tarag) minħabba il-fatt illi joqgħodu ħafna anzjani lejn il-dawk in-naħat u qed ibgħatu biex saħansitra jiftħu il-bieb.

Is-Sindku spjegat illi kienet diġa għamlet talba formali biex issir bozza temporanja sakemm jispiċċa il-proġett ta' l-MCST, fejn sfortunatament m'hemmx supply biżżejjed biex din issir.

6.3. ***Viċi Sindku-Is-Sur Christopher Bruno***

***a.*** Is-Sur Christopher Bruno talab formalment biex isir rapport urġenti fuq karozza li qed tkun ipparkjata fi Triq il-Missjoni Taljana u tagħlaq l-aċċess lill l-istess residenti f'kull ħin tal-ġurnata.

***b.*** Is-Sur Christopher Bruno saħaq illi hemm bżonn li l-Pulizija jinvestigaw karozza fi Triq Melchiore DeRobles, fejn din ilha mgħottija għal żmien twil, ukoll ċertu karozzi li qed ikunu ipparkjati f'din l-istess triq biex isirilhom xi tranġar, minħabba il-fatt illi ir-residenti mhumiex qegħdin isibu fejn jipparkjaw.

***c.*** Is-Sur Chris Bruno talab lis-Seg.Eżek. iġġib permess minn Transport Malta biex titwaħħal vlegga bħala sinjal ma roundabout ta' Triq Patri Mattew Sultana minħabba il-fatt li m'hemmx indikazzjoni lis-sewwieqa ta' din ir-roundabout.

***d.*** Is-Sur Chris Bruno talab biex ma punt Ċ imressaq hawn fuq jintalab permess biex isiru parking bays bojod minflok sofor kif attwalment qegħdin quddiem il-monument tal-Papa fi Triq Marina.

**6. Jum il-Kalkara 2014**

**Punti imqajjma mill-Kunsilliera dwar Jum il-Kalkara għas-sena 2014;**

a. Is-Sur Vince Bongailas talab l-approvazzjoni lill-Kunsill biex ikun jista jordna midalji għat-tfal li ħadu sehem fl-attivitajiet sportivi li għaddew minnflok Ċertifikat.

Il-Kunsill kollu qabel unanimament dwar dan.

b. Il-Kunsilliera Maria Sultana għarrfet il-Kunsill dwar iż-żjara tat-tfal fl-MCST illi ser tkun qed tibdel xi klassijiet biex l-attivitajiet ikunu jistgħu isiru fuq il-post u mhux biss żjara gewwa dan il-post.

c. Il-Kunsillier Pawlu Bongailas talab formalment lill-Kunsilliera kollha biex kulħadd ikun preżenti f'din il-ġurnata (10/12/2014) biex b'hekk tiġi ċċelebrata din il-ġurnata bl-attendenza tal-Kunsill kollu.

d. Il-Viċi Sindku Chris Bruno issuġerixxa illi Carl Mifsud l-ewwel ambaxxatur tal-Kunsill Lokali Kalkara jiġi mgħoti apprezzament żgħir bħala tifkira u apprezament bħala ambaxxatur fil-Kunsill Lokali Kalkara.

Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

e. Il-Kunsill ser ikun qiegħed jiltaqa' fil-5:30pm fil-Knisja Parrokkjali tal-Kalkara biex tingħata bidu għal-Quddiesa fl-okkażjoni ta' Jum il-Kalkara. Il-Kunċert li ser jiġi mtella nhar il-Ħadd